MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Numru 15/2012

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 15/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Andre` Francois Buhagiar**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fit-13 ta' Frar 2013 dwar eċċezzjoni preliminari ta' l-akkużat.

**2.** Andre` Francois Buhagiar kien akkużat, permezz ta' Att ta' Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fil-21 ta' Ġunju 2012 (nru 15/2012) li, recidiv f'delitt: (1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina kontra l-liġi; (2) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, b'dan, li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; (3) kiser kundizzjoni imposta fuqu f'sentenza tal-Qorti datata 11 ta' Ġunju 2008 li ma jagħmel ebda reat għal tliet snin mid-data ta' l-istess sentenza liema perijodu beda jiddekorri mill-ħdax (11) ta' Ġunju 2008.

**3.** Permezz tar-rikors ta' appell tiegħu l-akkużat talab li din il-Qorti (1) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tannulla s-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tingħata deċiżjoni skond il-liġi; (2) tħassar u tikkanċella s-sentenza appellata fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni u fejn iddisponiet dwar it-tielet eċċezzjoni u minflok tilqa' l-istess żewġ eċċezzjonijiet u għalhekk tiddikjara nulli t-Tieni u t-Tielet Kapi ta' l-Att ta' Akkuża.

**4.** Permezz ta' nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fit-12 ta' Lulju 2012 l-akkużat appellant eċċepixxa:

"1. In-nullita` tal-ewwel kap tal-att ta' akkuza fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan peress illi l-parti espozittiva tal-istess Kap ma jigux imfissra l-fatti li jikkostitwixxu r-reat migjub fil-parti akkuzatorja tal-istess kap ta' akkuza.

"2. In-nullita` tat-tieni kap tal-att ta' akkuza fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan ukoll ghaliex il-fatti migjuba fl-istess kap ma jfissrux jew jiddeskrivu r-reat migjub fil-parti akkuzatorja tal-istess kap.

"3. In-nullita` tat-tielet kap tal-att ta' akkuza fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan stante illi l-akkuza innifisha ma tikkostitwix reat izda se mai hija biss konsegwenza li tista`

ssehh biss wara s-sejbien ta' htija ta' xi reat u per tant din qatt ma' tista` tezisti bhala Kap ta' akkuza separat.

"4. Minghajr pregudizzju ghat-tielet eccezzjoni hawn fuq migjuba, n-nullita` tat-tielet kap tal-att ta' akkuza fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan peress illi l-Qorti Kriminali ma hijiex dik il-Qorti kompetenti sabiex titratta ma' ksur ta' sentenza ta' Qorti Inferjuri."

**5.** Jirriżulta illi l-akkużat irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2012 quddiem il-Qorti Kriminali. Fis-sentenza tagħha dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra l-Ewwel Qorti qalet hekk:

**"Fit-tieni eccezzjoni preliminari tieghu l-akkuzat qieghed jilmenta illi hemm diskrepanza bejn il-parti narrattiva u l-parti akkuzatorja tal-istess kap u dana ghaliex il-fatti kif esposti ma jwasslux ghall-pussess aggravat tad-droga izda ghall-pussess semplici. Jispjega illi l-ammont ta' droga illi nstabet (cirka tletin gramma [30grs]) hija indikazzjoni illi d-droga kienet ghall-uzu personali tal-akkuzat, però l-Avukat Generali fil-parti akkuzatorja addebitah b'pussess taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat.**

**"Ghalhekk minhabba din id-diskrepanza qieghed jeccepixxi n-nullità tat-tieni kap.**

**"Rigward it-tielet u r-raba' kap, l-akkuzat qieghed jilmenta illi dawn mhumiex reati; huma biss addebiti illi jistghu jirrizultaw bhala konsegwenza tal-ewwel kap. U wkoll peress illi l-akkuza tirreferi ghal reat illi gie kunsidrat mill-Qorti tal-Magistrati, f'dan il-kaz, allura, hija dik il-Qorti illi hija kompetenti biex titratta dan il-ksur u mhux il-Qorti Kriminali. Ghalhekk, argumenta l-akkuzat jekk it-tielet kap jigi annullat, dak l-addebitu ma jistax jigi abbinat ma' kapi ohra.**

**"Ikkunsidrat:**

**“Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dawn l-argumenti. It-tieni kap ghandu jinqara fl-isfond tal-parti narrattiva fl-ewwel kap fejn l-akkuzat qed jigi addebitat bi traffikar ta’ droga. Fit-tieni kap l-akkuzat qieghed jigi addebitat bil-pussess aggravat u cioé illi d-droga illi nstabet ma kinitx ghall-uzu personali tieghu. Dawn huma zewg akkuzi differenti li jimmeritaw kapi differenti izda jirreferu ghal cirkostanza wahda li hija dik trattata fl-ewwel kap, li tista’ sservi ukoll bhala prova cirkostanzjali ghall-pussess aggravat. Hawnhekk l-Avukat Ġenerali, fit-tieni kap, irrefera ghan-natura, il-valur, il-piz, u l-purità tad-droga misjuba, u skont hu jwassal ghall-konkluzjoni li l-pussess ma kienx ghall-uzu personali. Din hija kwistjoni ta’ fatt li trid tigi determinata mill-gurija u mhuwiex kompitù ta’ din il-Qorti illi tesprimi opinjoni dwar jekk il-fatti migjuba fit-tieni kap iwasslux ghall-pussess aggravat jew pussess semplici ghax b’hekk tkun qieghda tassumi gudizzju illi strettament jappartjeni lill-gurija bhala l-imhallfin tal-fatt.**

**“Ghalhekk, il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat.**

**“Rigward it-tielet u r-raba’ eccezzjoni, l-akkuzat qieghed jigi addebitat illi kkommetta reat iehor waqt illi kien illiberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tlett (3) snin minn sentenza precedenti.**

**“Din il-Qorti tifhem illi l-gurija m’ghandhiex tkun esposta ghall-precedenti tal-akkuzat. U wkoll jekk kisirx jew le sentenza fejn imponiet libertà kondizzjonata hija kwistjoni ta’ fatt li trid tigi deciza mill-gurija. Dana, però, wara l-verdett.**

**“Ghalhekk, il-Qorti tordna illi fl-att tal-akkuza illi jigi moqri lill-gurija ma ghandha ssir l-ebda riferenza ghall-precedenti tal-akkuzat, u ghalhekk dan it-tielet kap ma ghandux ikun inkluz f’dik il-kopja. Però fil-kaz ta’ htija, wara l-verdett, jinqara dan it-tielet kap u l-gurija tiddeciedi jekk bhala fatt l-akkużat kisirx il-**

**libertà kundizzjonata jew le. L-akkuza, però, mhiex nulla u ghandha tibqa' kif inhi biex tigi pprezentata lill-gurija fil-hin u fil-waqt indikat."**

**6.** L-appellant għandu tliet aggravji li sejrin jiġu kkunsidrati *seriatim*.

**7.** Permezz ta' <u>l-ewwel aggravju</u> l-appellant jgħid illi s-sentenza appellata hija nulla għaliex hija difettuża *ab omissa decisione* peress illi l-Qorti Kriminali naqset milli tagħti ġudizzju espress dwar ir-raba' eċċezzjoni. Isostni li għalhekk l-atti għandhom jiġu rimessi lil dik il-Qorti sabiex tingħata sentenza skond il-liġi.
**8.** Dwar dan l-ewwel aggravju l-appellant m'għandux raġun. Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti ttrattat it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet <u>flimkien</u>. Hija ddeċidiet li l-Att ta' Akkuża moqri lill-ġurati m'għandux jinkludi t-Tielet Kap u li dan kellu jinqara biss f'każ ta' sejbien ta' ħtija sabiex il-ġurija tiddeċiedi jekk, bħala fatt, l-akkużat kisirx il-liberazzjoni kundizzjonata. Jiġifieri, speċifikatament dwar ir-raba' eċċezzjoni ddeċidiet li kellhom ikunu l-ġurati li jiddeċiedu jekk ir-reat/i addebitat/i lill-appellant seħħewx fil-perijodu ta' liberazzjoni kundizzjonata. Naturalment dik il-Qorti mbagħad tkun trid tipproċedi a tenur ta' l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**9.** Għalhekk l-ewwel aggravju hu miċħud.

**10.** Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tiegħu. Jgħid:

"In effetti l-ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni il-għaliex skond dak minnha kkunsidrat il-kwistjoni ta' jekk il-pussess ta' droga kienx wieħed għall-użu esklussiv jew le hija kwistjoni ta' fatt li hija rimessa lill-ġurati. Illi pero` bl-akbar dovut rigward din ma kinitx il-kwistjoni li kellha tiddeċiedi dwarha l-ewwel Qorti. Dak li dik il-Qorti ġiet imsejħa li tiddeċiedi permezz tat-tieni eċċezzjoni kien jekk it-tieni kap ta' l-att ta' akkuża kienx validu jew null <u>**fil-forma tiegħu kif redatt mill-Avukat Generali**</u> u mhux jekk dak allegat fl-istess kap kienx fattwalment jirriżulta

jew le. L-ewwel Qorti naqset milli tidderimi din il-kwistjoni għaliex skond is-sentenza appellata ma riditx *'tesprimi opinjoni dwar jekk il-fatti miġjuba fit-tieni kap iwasslux għall-pussess aggravat'*. Bid-dovut rigward din ukoll hija posizzjoni skorretta l-għaliex bl-eċċezzjoni tal-esponent dak li l-Qorti kellha tiddeċiedi kien jekk l-att ta' l-akkuża, fil-forma tiegħu kienx jissodisfa jew le l-vot tal-liġi u mhux jekk dak li jingħad fil-kap partikolari kienx jirriżulta jew le. Huwa għalhekk illi l-esponent jemmen illi t-tieni eċċezzjoni tiegħu għandha tiġi issa akkolta u t-tieni kap ta' l-att ta' akkuża għandu jiġi annullat."

**11.** Issa, permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu l-appellant isostni illi t-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża huwa null peress illi l-fatti miġjuba fl-istess Kap ma jfissrux jew jiddeskrivu r-reat miġjub fil-parti akkużatorja tal-istess Kap. Permezz tat-Tieni Kap l-appellant qiegħed jiġi akkużat li kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**12.** Fil-parti narrativa tat-Tieni Kap l-Avukat Ġenerali jsemmi *inter alia*:

"Illi fiż-żmien u taħt iċ-ċirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża u cioe` fil-25 ta' Lulju 2008 u fit-tliet snin ta' qabel din id-data, Andre` Francois Buhagiar kellu fil-pussess illegali tiegħu d-droga kokajina li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Illi infatti hu kien ibiegħ u jagħti minn din id-droga lil diversi persuni fosthom lil Charles Mizzi, Malcolm Said u Charmaine Camilleri."

"Illi fir-residenza tiegħu nstabu ukoll 29.35 gramma kokajina ta' 40% purita` li valur tagħha meta mibjugħ fit-triq kien ilaħħaq is-somma bejn 2054 Ewro u 3023 Ewro."

**13.** Fil-fatti riprodotti fl-ewwel paragrafu tat-Tieni Kap hemm inklużi, sija pure telegrafikament, l-elementi tar-reat ta' pussess "aggravat", u cioe` ż-żmien, il-lok (ara l-Ewwel Kap), il-pussess, u saħansitra l-persuni li lilhom allegatament inbiegħet id-droga li kienet fil-pussess ta' l-appellant. Anki bil-mod kif ġie redatt it-tieni paragrafu l-Avukat Ġenerali qiegħed jgħid illi d-droga kienet intiża

biex tinbiegħ. Naturalment jekk dawn il-fatti jirriżultawx hi kwistjoni li trid tiġi determinata mill-ġurija. Iżda għall-finijiet ta' l-artikolu 589(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-vot tal-liġi ġie rispettat.

**14.** Għalhekk, il-mod adoperat mill-Avukat Ġenerali fl-isteżura tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża ma jmurx kontra d-dispositiv tal-artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement it-tieni aggravju qiegħed jiġi respint.

**15.** Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jgħid illi anke fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni l-ewwel Qorti kienet skorretta, u dan għaliex l-akkuża miġjuba fit-Tielet Kap ma tikkostitwix reat u allura ma setgħetx titressaq bħala kap separat ta' l-Att ta' Akkuża. Skond l-appellant, ir-rimedju ta' l-ewwel Qorti li tordna li dan il-Kap ma jinġiebx a konjizzjoni tal-ġurati qabel il-verdett tagħhom kien rimedju skorrett għaliex ġaladarba l-Kap huwa wieħed null, dan kellu jiġi hekk dikjarat.

**16.** Permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu l-appellant qiegħed jeċċepixxi n-nullita` tat-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża stante illi l-akkuża innifisha ma tikkostitwix reat iżda se mai hija biss konsegwenza li tista` sseħħ biss wara s-sejbien ta' ħtija ta' xi reat u għalhekk ma tistax teżisti bħala Kap ta' akkuża separat.

**17.** Issa, l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li l-Att ta' Akkuża għandu, *inter alia*, "ifisser il-fatt li jikkostitwixxi <u>r-reat</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti). It-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża ma jfissirx fatt li jikkostitwixxi reat u għalhekk proprjament l-Avukat Ġenerali ma kellux jagħżel mod tant formali biex jakkuża lill-appellant li kien kiser *conditional discharge*. Id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li dan il-Kap ma jinġabx a konjizzjoni tal-ġurati ħlief jekk ikun hemm verdett ta' ħtija, kienet tassigura li l-appellant ma jiġix preġudikat. Pero`, ġaladarba tqajmet din il-kwistjoni, din il-Qorti sejra tannulla t-Tielet Kap u minflok tordna korrezzjoni fl-Ewwel Kap u fit-Tieni Kap billi f'kull Kap iżżid l-addebitu illi l-appellant kiser *conditional discharge*. Naturalment dak li qalet l-Ewwel Qorti xorta jreġi, u cioe` illi tali addebitu ma jinġabx a konjizzjoni tal-ġurati ħlief jekk

ikun hemm verdett ta' ħtija. F'każ li jirriżulta tali addebitu, imbagħad, bħalma diga` ġie ndikat[1], il-Qorti Kriminali tipproċedi a tenur ta' l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**18.** Għal dawn il-motivi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ċaħdet it-tielet eċċezzjoni u minflok tipprovdi billi tannulla t-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuża iżda (1) tordna korrezzjoni fl-Ewwel Kap billi fil-parti akkużatorja, wara l-kliem "u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga", jiżdiedu l-kliem "u b'hekk kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 11 ta' Ġunju 2008 li ma jagħmel ebda reat għal tliet snin mid-data ta' dik is-sentenza." (2) tordna korrezzjoni fit-Tieni Kap billi fil-parti akkużatorja wara l-kliem "b'dan li r-reat kien wieħed taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu" jiżdiedu l-kliem "u b'hekk kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 11 ta' Ġunju 2008 li ma jagħmel ebda reat għal tliet snin mid-data ta' dik is-sentenza." Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-akkużat Andre` Francois Buhagiar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] *Supra* paragrafu